| 17. Jenfasizza li proġetti ta' investiment li jinvolvu lis-settur privat li jkunu ffinanzjati mill-UE f'pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jissodisfaw standards internazzjonali ambjentali, soċjali u ta' trasparenza u jkunu konsistenti mal-pjanijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi benefiċjarji; joġġezzjona kwalunkwe tip ta' kooperazzjoni ma' entitajiet privati li jikkontribwixxu direttament jew indirettament għal kull tip ta' evażjoni fiskali; | 17. Jenfasizza li proġetti ta' investiment li jinvolvu lis-settur privat li jkunu ffinanzjati mill-UE f'pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jissodisfaw standards internazzjonali ambjentali, soċjali u ta' trasparenza u jkunu konsistenti mal-pjanijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi benefiċjarji; joġġezzjona kwalunkwe tip ta' kooperazzjoni ma' entitajiet privati li jikkontribwixxu direttament jew indirettament għal kull tip ta' evażjoni fiskali; ***jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi l-mekkaniżmi ta' diliġenza dovuta fl-għażla ta' finanzjament għall-proġetti ta' tħaffir ta' riżorsi;*** |

Or. en

**Emenda 129**
**Filip Kaczmarek, Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jinsab konvint li l-investiment għandu impatt pożittiv fuq it-tkabbir u l-impjiegi, mhux biss fl-UE iżda ukoll fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal kooperazzjoni msaħħa sabiex il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jiġu megħjuna biex itejbu l-kapaċità istituzzjonali u regolatorja tagħhom għall-ġestjoni tal-*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***investimenti barranin;*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***17b. Jenfasizza li l-pajjiżi industrijalizzati għandhom responsabilità biex jipprovdu appoġġ akbar għall-investiment ġo, u t-trasferiment tat-teknoloġija lill-impriżi indiġeni, sabiex is-setturi emerġenti tal-ekonomija fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ikunu jistgħu jimplimentaw l-istandards soċjali u ambjentali internazzjonali; Jitlob appoġġ għall-miżuri li jiffaċilitaw il-konformità tal-intrapriżi mal-istandards internazzjonali;*** |

Or. de

**Emenda 131**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***17c. Jitlob lill-UE tirrikonoxxi d-dritt tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jirregolaw l-investiment, jiffavorixxu l-investituri li jappoġġjaw l-istrateġija tal-iżvilupp tal-pajjiżi msieħba u biex jagħtu trattament preferenzjali lill-investituri domestiċi u reġjonali għall-promozzjoni tal-integrazzjoni reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Filip Kaczmarek, Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17d. Jistieden lill-UE tilqa' l-impenji tal-Istrateġija għall-Għajnuna tal-Kummerċ tagħha dwar l-assistenza għall-iżvilupp b'mira speċifika fuq proġetti mfassla biex jgħinu lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex dawn jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom marbutin mal-kummerċ, ikabbru l-prodotti li jitpoġġew fuq is-suq u fl-aħħar mill-aħħar jikkompetu fis-swieq reġjonali u globali;*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17e. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva b'għan simili dwar il-liġi l-ġdida tal-Istati Uniti dwar il-"kunflitti dwar il-Minerali" biex tiġġieled l-isfruttament illegali tal-minerali fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b'mod partikolari fl-Afrika, kunflitti li jniedu gwerra ċivili u gwerer, u biex jiżguraw it-traċċabiltà tal-importazzjonijiet tal-minerali fis-suq tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 134**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 f (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17f. Jitlob għal analiżi u valutazzjoni tas-Sħubijiet Pubbliċi u Privati (PPP) li jinvolvu s-settur privat fl-iżvilupp, promossi mill-Kummissjoni biex jinsiltu lezzjonijiet minn din l-esperjenza qabel ma din tgħaddi għal kunċett ta' politika ġdid ta' użu ta' flus pubbliċi biex jingħata spinta lill-finanzjament tas-settur privat;*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza li l-appoġġ lis-settur privat għandu jmur id f'id mal-għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti fil-pajjiżi benefiċjarji biex dawn ikunu jistgħu jirregolaw is-swieq b'mod effikaċi, jippromwovu t-trasparenza u l-governanza tajba u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni; | 18. Jenfasizza li l-appoġġ lis-settur privat għandu jmur id f'id mal-għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti ***nazzjonali, reġjonali u lokali*** fil-pajjiżi benefiċjarji biex dawn ikunu jistgħu jirregolaw is-swieq b'mod effikaċi, jippromwovu t-trasparenza u l-governanza tajba u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni; |

Or. en

**Emenda 136**
**Vincent Peillon, Corina Crețu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza li l-appoġġ lis-settur privat għandu jmur id f'id mal-għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti fil-pajjiżi benefiċjarji biex dawn ikunu jistgħu jirregolaw is-swieq b'mod effikaċi, jippromwovu t-trasparenza u l-governanza tajba u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni; | 18. Jenfasizza li l-appoġġ lis-settur privat għandu jmur id f'id mal-għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti fil-pajjiżi benefiċjarji biex dawn ikunu jistgħu jirregolaw is-swieq b'mod effikaċi, jippromwovu t-trasparenza***, jimplimentaw politiki fiskali ġusti*** u l-governanza tajba u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni; |

Or. fr

**Emenda 137**
**Corina Crețu, Ricardo Cortés Lastra, Vincent Peillon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza li l-appoġġ lis-settur privat għandu jmur id f'id mal-għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti fil-pajjiżi benefiċjarji biex dawn ikunu jistgħu jirregolaw is-swieq b'mod effikaċi, jippromwovu t-trasparenza ***u*** l-governanza tajba u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni; | 18. Jenfasizza li l-appoġġ lis-settur privat għandu jmur id f'id mal-għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti fil-pajjiżi benefiċjarji biex dawn ikunu jistgħu jirregolaw is-swieq b'mod effikaċi, jippromwovu t-trasparenza u l-governanza tajba ***u politika fiskali ġusta*** u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni; |

Or. en

**Emenda 138**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza li l-appoġġ lis-settur privat għandu jmur id f'id mal-għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti fil- | 18. Jenfasizza li l-appoġġ lis-settur privat għandu jmur id f'id mal-għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi u l-parlamenti fil- |

| | |
|---|---|
| pajjiżi benefiċjarji biex dawn ikunu jistgħu jirregolaw is-swieq b'mod effikaċi, jippromwovu t-trasparenza u l-governanza tajba u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni; | pajjiżi benefiċjarji biex dawn ikunu jistgħu jirregolaw is-swieq b'mod effikaċi, jippromwovu t-trasparenza u l-governanza tajba u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni***, kemm fl-intrapriżi u l-NGOs, kif ukoll fil-gvernijiet u l-awtoritajiet pubbliċi***; |

Or. en

**Emenda 139**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Iħeġġeġ lill-Unjoni tinkludi l-ġlieda kontra l-abbużi tar-refuġji fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u t-trasferiment illegali tal-kapital, li jirrappreżenta ċifra li hi madwar għaxar darbiet tal-għajnuna għall-iżvilupp, bħala kwistjoni ta' prijorità fil-politika tal-iżvilupp tagħha, billi tqiegħed fis-seħħ mekkaniżmu vinkolanti li jġiegħel lill-kumpaniji transnazzjonali li jiddikjaraw b'mod awtomatiku il-profitti magħmula u t-taxxi mħallsa f'kull pajjiż fejn joperaw biex jħallu lil dawn il-pajjiżi jiffinanzjaw l-iżvilupp tagħhom stess;*** |

Or. en

**Emenda 140**
**Patrice Tirolien, Michael Cashman, Vincent Peillon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18b. Jenfasizza li l-UE għandha tiżguraw li l-korporazzjonijeit multinazzjonali tagħha stess jikkontribwixxu għat-tkabbir*** |

***inklussiv fil-pajjiżi msieħba bil-ħlas tat-taxxi tagħhom fil-pajjiż fejn joperaw; għal dan il-għan jistieden lill-Kummissjoni timplimenta rappurtaġġ pajjiż b'pżjjiż għall-multinazzjonali Ewropew kollha li joperaw fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;***

Or. en

**Emenda 141**
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; | 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli ***u rinnovabbli***; jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; |

Or. en

**Emenda 142**
**Zigmantas Balčytis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; | 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; ***itennni li l-aċċess għall-enerġija hu prerekwiżit għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju;*** jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati |

| | |
|---|---|
| | mill-UE; |

Or. en

**Emenda 143**
**Charles Goerens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; | 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; jinsisti li ***l-provvista tal-ilma u*** l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; |

Or. en

**Emenda 144**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; | 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; |

Or. en

**Emenda 145**
**Fiona Hall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; | 19. Jilqa' l-proposta biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-enerġija sostenibbli; jinsisti li l-aċċess għall-enerġija għall-foqra u b'rabta mal-provvista ta' servizzi pubbliċi u l-iżvilupp lokali għandhom ikunu objettivi ewlenin ta' proġetti appoġġati mill-UE; ***iħeġġeġ lill-UE tiżgura li l-ODA tal-UE għat-titjib tal-aċċess għall-enerġija, jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ekonomija lokali, l-impjiegi ambjentali u t-tnaqqis tal-faqar u li dan ma jkunx marbut jew użat biex jissussidja l-intrapriżi tal-UE; iħeġġeġ lill-UE ma tħawwadx politiki għat-tkabbir tal-aċċess għall-enerġija għan-nies foqra mal-ilħiq tal-miri tal-UE għat-tafja tal-klima jew tal-bżonnijiet tas-sigurtà proprja tal-enerġija;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Vincent Peillon, Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-aċċess għas-servizzi ta' sostenibilità tal-enerġija moderni, jikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju; jipprijoritizza l-appoġġ għal soluzzjonijiet tal-enerġija sostenibbli lokali u reġjonali u l-produzzjoni deċentralizzata, b'mod partikolari, sabiex il-prijoritajiet ta'*** |

***żvilupp jiġu allinjati mat-tħassib ambjentali;***

Or. fr

**Emenda 147**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19b. Jinsisti li għandu jiġi allokat baġit sostanzjonali għall-iżvilupp tar-riżorsi konsiderevoli tal-enerġija fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (l-enerġija solari, l-enerġija tar-riħ, l-enerġija ġeotermali u l-bijomassa), peress li din hi essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, tnaqqas id-dipendenza tal-pajjiżi fuq il-fjuwils fossili u tnaqqas il-vulnerabilità għat-tibdil fil-prezzijiet;*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Patrice Tirolien, Michael Cashman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19c. Iħeġġeġ lill-UE tiżgura li l-ODA tal-UE għat-titjib tal-aċċess għall-enerġija jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ekonomija lokali, l-impjiegi ambjentali u t-tnaqqis tal-faqar u li dan ma jkunx marbut jew użat biex jissussidja l-intrapriżi tal-UE; iħeġġeġ lill-UE ma tħawwadx politiki għat-tkabbir tal-aċċess għall-enerġija għan-nies foqra billi jitwettqu l-miri tal-UE għat-tafja tal-klima jew tal-bżonnijiet*** |

***tas-sigurtà proprja tal-enerġija;***

Or. en

**Emenda 149**
**Åsa Westlund**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19d. Jilqa' l-inizjattivi meħuda mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jinvestu fil-produzzjoni tal-ikel aktar milli fil-produzzjoni tal-bijokarburanti, sabiex jiżguraw il-provvista tal-ikel tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Åsa Westlund**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19e. Itenni li l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għandhom id-dover li jieħdu t-tmexija ta' bini ta' ekonomija globali b'livell ta' karbonju baxx li hi meħtieġa biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu t-tmexxija fit-tnaqqis tal-emissjonijiet u ukoll biex jżidu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet; jenfasizza l-importanza li jseħħ it-tnaqqis tal-emissjonijiet fi ħdan il-fruntieri tal-UE aktar milli fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;*** |

Or. en

**Emenda 151**
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. ***Jappoġġa*** sforzi iktar sistematiċi għall-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; | 20. ***Jirrikonoxxi li t-trattament tat-tibdil fil-klima u l-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp ewlenin huma għanijiet ta' appoġġ reċiproċi; jenfasizza l-ħtieġa għal*** sforzi iktar sistematiċi għall-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ***u l-mitigazzjoni*** ta' diżastri ***u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-proġetti ta' żvilupp tal-UE ma jopponux l-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima globali***; |

Or. en

**Emenda 152**
**Andreas Mölzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jappoġġa sforzi iktar sistematiċi ***għall-integrazzjoni tal-adattament*** għat-tibdil fil-klima u ***miżuri*** ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; | 20. Jappoġġa sforzi iktar sistematiċi ***u miżuri effiċjenti marbutin mal-adattament*** għat-tibdil fil-klima u miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; |

Or. de

**Emenda 153**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jappoġġa sforzi iktar sistematiċi għall- | 20. Jappoġġa sforzi iktar sistematiċi għall- |

| | |
|---|---|
| integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; | integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri ***peress li l-politika ta' tibdil fil-klima ma tistax tkun disassoċjata mill-politiki l-oħrajn bħall-kummerċ u l-agrikoltura***; ***u jitlob għalhekk għal approċċ olistiku, li jintegra d-dimensjoni ambjentali fil-programmi u l-politiki kollha ta' żvilupp;*** |

Or. en

**Emenda 154**
**Charles Goerens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jappoġġa sforzi iktar sistematiċi għall-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; | 20. Jappoġġa sforzi iktar sistematiċi għall-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u miżuri ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; ***u jitlob t-titjib tar-regolamenti li jikkonċernaw it-trasferiment tal-iskart u l-qtugħ illegali ta' siġar;*** |

Or. en

**Emenda 155**
**Fiona Hall**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jinnota l-potenzjal enormi tal-enerġija rinnovabbli f'ħafna pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw billi jipprovdu opportunitajiet ta' teknoloġija, għarfien*** |

***espert u ta' investiment;***

Or. en

**Emenda 156**
**Birgit Schnieber-Jastram**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20b. Jinnota li numru kbir ta' proġetti industrijali b'emissjoni intensiva ta' CO2 f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jirċievu finanzjament mill-Aġenziji ta' Esportazzjoni tal-Kreditu (ECA); jenfasizza li dan it-tip ta' finanzjament mhuwiex koerenti peress li jnaqqas l-impatt tal-politiki ta' żvilupp sostenibbli u klimatiċi;*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Patrizia Toia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20 c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20c. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-migrazzjoni tal-klima, fenomenu li xi uħud jistmaw li għandu jwassal 200 miljun ruħ iħallu djarhom sal-2050, hekk kif il-kondizzjonijiet fl-artijiet tagħhom imorru gradwalment għall-agħar, u jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi permezz tal-politika ta' żvilupp biex tingħata assistenza u jitnaqqsu n-numru ta' refuġjati, b'investiment fit-teknoloġiji, ir-riżorsi umani u l-għajnuna finanzjarja;*** |

Or. it

**Emenda 158**
**Andreas Mölzer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta' riżorsi ġodda u addizzjonali li l-UE u donaturi oħra wiegħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma affettwati mit-tibdil fil-klima;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 159**
**Vincent Peillon, Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta' riżorsi ġodda u addizzjonali li l-UE u donaturi oħra wiegħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma affettwati mit-tibdil fil-klima; | 21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta' ***0.7% ta'*** riżorsi ġodda u addizzjonali ***għat-trattament tat-tibdil fil-klima u tal-impatt tagħha*** li l-UE u donaturi oħra wiegħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma affettwati mit-tibdil fil-klima; |

Or. en

**Emenda 160**
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta’ riżorsi ġodda u addizzjonali li l-UE u donaturi oħra ***wiegħdu*** lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw ***li huma affettwati mit-tibdil fil-klima;*** | 21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta’ riżorsi ġodda u addizzjonali li l-UE u donaturi oħra wiegħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw ***sforzi ta' mitigazzjoni u ta' ħtiġijiet ta' adattament***; |

Or. en

**Emenda 161**
**Ricardo Cortés Lastra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta’ riżorsi ġodda u addizzjonali li l-UE u donaturi oħra wiegħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma affettwati mit-tibdil fil-klima; | 21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta’ riżorsi ġodda u addizzjonali li l-UE u donaturi oħra wiegħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma affettwati mit-tibdil fil-klima; ***u jfakkar li l-azzjonijiet għat-tibdil fil-klima – u b'beni pubbliċi b'mod ġenerali – li m'għandhomx jiġu ffinanzjati bl-ODA;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta’ riżorsi ġodda u | 21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-integrazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-provvediment ta’ riżorsi ġodda u |

| | |
|---|---|
| addizzjonali li l-UE u donaturi oħra wiegħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma affettwati mit-tibdil fil-klima; | addizzjonali li l-UE u donaturi oħra wiegħdu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma affettwati mit-tibdil fil-klima; ***jenfasizza li dan l-approċċ għandu jadotta approċċ lokali u/jew reġjonali biex jiġu ndirizzati problemi speċifiċi ffaċjati f'dawn l-oqsma;*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Filip Kaczmarek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni sostenibbli tal-iżvilupp urban bħala parti mill-aġenda internazzjonali kif ukoll bl-implimentazzjoni tagħha fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali li jkollu impatt benefiku fuq il-kwalità tal-ħajja tal-popli kollha tad-dinja u b'mod partikolari fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21b. Jinnota li l-iżvilupp sostenibbli jista' jinkiseb biss bit-tisħiħ tal-bini tal-kapaċità tal-pajjiżi riċevituri u bit-titjib tal-infrastruttura bażika;*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21c. Jitlob l-inklużjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 (j) tal-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità Bijoloġika fil-karti ta' strateġija tal-pajjiż u reġjonali li hi pilastru għall-iżvilupp sostenibbli;*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21d. Jirrikonoxxi li d-deforestazzjoni u l-importazzjoni mhux sostenibbli tal-injam fis-suq tal-UE kkontribwixxew għad-diżastri naturali u l-vulnerabilità tal-pajjiżi foqra u jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u l-Kunsill tal-UE biex jintegraw fl-istrateġija tal-politika għall-iżvilupp il-ġdid, projbizzjoni sħiħa fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-injam illegali fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sikurezza tal-ikel u agrikoltura | Sikurezza tal-ikel***, l-ilma*** u agrikoltura |

Or. en

**Emenda 168**
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha tiffoka l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fuq il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli fuq skala żgħira; jenfasizza l-bżonn li b'mod partikolari jiġi żgurat aċċess għall-bdiewa żgħar għall-mezzi ta' produzzjoni (art, kreditu, konsulenza u servizzi ta' għoti ta' pariri), għal opportunitajiet ta' ipproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni u għal swieq lokali u transkonfinali; | 22. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha tiffoka l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fuq ***l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u*** il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola ***organika*** sostenibbli fuq skala żgħira; jenfasizza l-bżonn li b'mod partikolari jiġi żgurat aċċess għall-bdiewa żgħar għall-mezzi ta' produzzjoni (art, ***żerriegħa,*** kreditu, konsulenza u servizzi ta' għoti ta' pariri), għal opportunitajiet ta' ipproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni u għal swieq lokali u transkonfinali; |

Or. en

**Emenda 169**
**Gabriele Zimmer, Charles Goerens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha tiffoka l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fuq il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli fuq skala żgħira; jenfasizza l-bżonn li b'mod partikolari jiġi | 22. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha tiffoka l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fuq il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli fuq skala żgħira ***sabiex tiżgura li l-awto-suffiċjenza tal-ikel tal-*** |

| | |
|---|---|
| żgurat aċċess għall-bdiewa żgħar għall-mezzi ta' produzzjoni ***(art, kreditu, konsulenza u servizzi ta' għoti ta' pariri),*** għal opportunitajiet ta' ipproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni u għal swieq lokali u transkonfinali; | ***popolazzjoni bħala objettiv primarju u biex timplimenta d-dritt għall-ikel***; jenfasizza l-bżonn li b'mod partikolari jiġi żgurat aċċess għall-bdiewa żgħar għall-mezzi ta' produzzjoni għal opportunitajiet ta' ipproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni u għal swieq lokali***, reġjonali, nazzjonali*** u transkonfinali ***sabiex jiġu żgurati opportunitajiet ta' bejgħ għall-produzzjoni tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 170**
**Vincent Peillon, Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha tiffoka l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fuq il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli fuq skala żgħira; jenfasizza l-bżonn li b'mod partikolari jiġi żgurat aċċess għall-bdiewa żgħar għall-mezzi ta' produzzjoni (art, kreditu, konsulenza u servizzi ta' għoti ta' pariri), għal opportunitajiet ta' ipproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni u għal swieq lokali u transkonfinali; | 22. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha tiffoka l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fuq il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli fuq skala żgħira; jenfasizza l-bżonn li b'mod partikolari jiġi żgurat aċċess għall-bdiewa żgħar għall-mezzi ta' produzzjoni (art, ***kapital protett ta' ishma, fatturi ta' produzzjoni agrikola, taħriġ,*** kreditu, konsulenza u servizzi ta' għoti ta' pariri), għal opportunitajiet ta' ipproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni u għal swieq lokali u transkonfinali; |

Or. fr

**Emenda 171**
**Maurice Ponga**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha tiffoka l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fuq il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli fuq skala żgħira; jenfasizza l-bżonn li b'mod partikolari jiġi żgurat aċċess għall-bdiewa żgħar għall-mezzi ta' produzzjoni (art, kreditu, konsulenza u servizzi ta' għoti ta' pariri), għal opportunitajiet ta' ipproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni u għal swieq lokali u transkonfinali; | 22. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-UE għandha tiffoka l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fuq il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli fuq skala żgħira; jenfasizza l-bżonn li b'mod partikolari jiġi żgurat aċċess għall-bdiewa żgħar għall-mezzi ta' produzzjoni (art, ***kapital protett ta' ishma,*** kreditu, konsulenza u servizzi ta' għoti ta' pariri), għal opportunitajiet ta' ipproċessar u ta' kummerċjalizzazzjoni u għal swieq lokali u transkonfinali; |

Or. fr

**Emenda 172**
**Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jitlob, bi qbil mar-rapport IAASTD, għall-appoġġ għal tranżizzjoni lejn agrikoltura bijoloġika u ambjentalment sostenibbli, li tqis l-esperjenzi miksuba fil-produzzjonijiet fuq skala żgħira u li fl-istess ħin tirrappreżenta metodu effikaċi ta' aġġustament ta' tibdiliet klimatiċi;*** |

Or. de

**Emenda 173**
**Ricardo Cortés Lastra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll | 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll |

| | |
|---|---|
| il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-'ħtif tal-art'; ***itenni li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat;*** | il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża ***responsabilità fqira tad-dritt għall-ikel,*** l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel ***u*** l-'ħtif tal-art'; |

Or. en

**Emenda 174**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-'ħtif tal-art'; itenni li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat; | 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-'ħtif tal-art'; itenni li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat***, filwaqt li tirrispetta t-tħassib tal-Istat Membru dwar ir-riforma tal-PAK fuq skala kbira***; |

Or. en

**Emenda 175**
**Åsa Westlund**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-'ħtif tal-art'; itenni li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat; | 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-'ħtif tal-art'; itenni li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat; ***jenfasizza l-importanza ta' salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-importaturi netti tal-ikel fil-*** |

***pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, it-tneħħija tal-ħtif tal-art, l-iżgurar tad-drittijiet tal-proprjetà ta' proprjetarji żgħar u ta' bdiewa indiġeni biex b'hekk jitneħħew il-monopolji taż-żerriegħa u d-dipendenza fuq pestiċidi speċjalizzati;***

Or. en

**Emenda 176**
**Sari Essayah**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-'ħtif tal-art'; itenni li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat; | 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-'ħtif tal-art'; itenni li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat; ***josserva li s-sistema ta' appoġġ għall-agrikoltura għandha tiġi riformata b'tali mod li ma xxekkilx il-kompetizzjoni ġusta u ma tagħmilx ħsara l-kapaċità tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jiksbu s-saħħa mill-attività produttiva tagħhom stess;*** |

Or. fi

**Emenda 177**
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel ***u*** l-'ħtif tal-art'; itenni li r-riforma | 23. Jinsisti li l-UE għandha tindirizza wkoll il-kawżi profondi tal-insikurezza tal-ikel, inkluża l-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u l-'ħtif tal-art'***, u l-monopolji taż-*** |

| | |
|---|---|
| tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat; | ***żerriegħa***; itenni li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għandha tqis l-obbligu ta' PCD skont it-Trattat ***u tinkorpora l-prinċipju ta' "l-ebda ħsara" għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw bħala objettiv ewlieni ieħor***; |

Or. en

**Emenda 178**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. B'kunsiderazzjoni tal-fatt li biex titma popolazzjoni tad-dinja li hi mistennija taqbeż id-9 biljun ruħ fl-2050, l-produzzjoni agrikola ikollha tiżdieda b'70% minn issa sa dak iż-żmien, b'użu anqas ta' art, ta' ilma u ta' pestiċidi; jinnota li s-sigurtà globali tal-ikel hi kwistjoni urġenti ħafna għall-Unjoni Ewropea u jitlob azzjoni immedjata u konsistenti għall-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel kemm għaċ-ċittadini tal-UE u għal-livell globali;*** |

Or. en

**Emenda 179**
**Gabriele Zimmer, Charles Goerens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jenfasizza li l-iffaċjar tan-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel ifisser l-implimentazzjoni ta' bosta azzjonijiet, minn setturi differenti, bħall-ġestjoni tar-riżorsi*** |

*naturali lokali, l-infurzar mill-ġdid tal-produzzjoni u l-manifattura, it-taħriġ, l-istrutturar tal-organizzazzjonijiet professjonali, l-implimentazzjoni ta' xibka ta' sigurtà għal dawk l-iktar vulnerabbli, l-edukazzjoni u n-nutrizzjoni u wkoll id-diversifikazzjoni tal-impjiegi rurali lil hinn mill-agrikoltura biex jissaħħaħ id-dħul tal-familji rurali, li huma l-ewwel vittmi tal-ġuħ;*

Or. en

**Emenda 180**
**Vincent Peillon, Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***23c. Jenfasizza li l-iffaċċjar tan-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel tfisser l-implimentazzjoni ta' attivitajiet multi-settorjali bħall-ġestjoni tar-riżorsi naturali lokali, it-tisħiħ tal-produzzjoni, taħriġ, l-istrutturar ta' organizzazzjonijiet professjonisti, it-tfassil ta' xibki ta' sigurtà għal dawk l-iktar vulnerabbli, l-edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-iżvilupp ta' impjiegi rurali mhux agrikoli biex jiżdied l-introjtu tal-familji rurali peress li dawn huma l-ewwel vittmi tal-ġuħ;*** |

Or. fr

**Emenda 181**
**Filip Kaczmarek, Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 d (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***23d. Jinnota li tenħtieġ l-introduzzjoni ta' metodi ta' produzzjoni agrikola mtejba, inkluż teknoloġiji li ma jiswewx ħafna flus, li jipprovdu r-riċerka fl-agrikoltura, u t-tisħiħ tal-produttività – il-medja ta' effikaċja fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex tissaħħaħ is-sostenibilità;*** |

Or. en

**Emenda 182**
**Filip Kaczmarek, Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 e (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***23e. Jitlob lill-UE u lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jippromwovu s-sjieda tal-art bħala għodda għat-tnaqqis tal-faqar, bit-tisħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-kreditu għall-bdiewa, impriżi żgħar u komunitajiet lokali;*** |

Or. en

**Emenda 183**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 f (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***23f. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-akkwiżizzjoni attwali ta' art għall-biedja mill-investituri barranin b'appoġġ tal-gvern, partikolarment fl-Afrika, li tirriskja li timmina s-sigurtà tal-ikel lokali u*** |

***tikkawża skwilibriju soċjali mhux previst u wiesa', jekk dan ma jiġix ġestit b'mod adegwat;***

Or. en

**Emenda 184**
**Judith Sargentini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 g (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23g. Iheġġeġ lill-Kummissjoni tintegra l-kwistjoni dwar il-ħtif tal-art fid-djologu ta' politika tagħha mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex il-Koerenza tal-Politika issir il-fus tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali sabiex jiġi evitat l-isfruttament tal-bdiewa żgħar u l-użu mhux sostenibbli tal-art u l-ilma;*** |

Or. en

**Emenda 185**
**Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 h (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23h. Jistieden lill-UE tippromwovi regolamenti internazzjonali vinkolanti fuq l-akkwist tal-art li jikkunsidraw it-tradizzjonijiet u l-arranġamenti indiġeni bħad-dritt użwali tal-użu tal-art u li joffru drittijiet effettivi ta' protezzjoni lill-okkupanti li huma effettwati mill-bejgħ tal-art; jenfasizza li l-ispekulazzjoni fl-ikel għandu impatt negattiv dirett fuq il-ġuħ globali u li r-regolamenti u l-limiti fuq l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ispekulazzjoni effikaċi huma għaldaqstant indispensabbli;*** |

Or. de

**Emenda 186**
**Filip Kaczmarek, Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 i (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23i. Jenfasizza li l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd tal-UE (FPAs) għandu jgħinu l-konsolidazzjoni tal-politiki dwar is-sajd tal-pajjiżi msieħba u jsaħħu l-kapaċità tagħhom biex jiżguraw sajd sostenibbli fl-ilmijiet tagħhom u ukoll impjieg lokali f'dan is-settur;*** |

Or. en

**Emenda 187**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 j (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23j. Jenfasizza li l-protezzjoni adegwata minn diżastri u mard li jittieħed marbutin mal-ilma, kif ukoll l-aċċess għal kwantitajiet suffiċjenti tal-ilma u l-kwalità tal-ilma, bi prezz raġonevoli, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet bażiċi ta' ikel, enerġija u ħtiġijiet oħrajn li huma essenzjali għal għajxien b'saħħtu u produttiv, mingħajr ma tkun kompromessa s-sostenibilità tal-ekosistemi ewlenin, għandha tkun aspett ewlieni tal-politika għall-iżvilupp;*** |

Or. en

**Emenda 188**
**Sari Essayah**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 k (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *23k. Trasparenza* |
| | ***Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-aċċettazzjoni pubblika tal-proġetti ta' żvilupp iffinanzjati bis-sħiħ jew parzjalment mill-UE jew mill-Istati Membri, jitlob għall-ħolqien ta' bażi ta' dejta elettronika li tipprovdi informazzjoni dwar l-ODA; jemmen li din il-bażi ta' dejta għandha tippermetti lill-utenti jsibu d-donaturi kollha tal-UE u jekk meħtieġ, proġetti u programmi tal-Aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti fil-pajjiżi rispettivi, li jiffinanzjawhom u liema organizzazzjoni timplimenthom; għalhekk din għandha tkun tista' tintuża b'mod faċli u aċċessibbli fuq l-Internet; għandu jkollha funzjoni li tiffaċilita t-tfittxija ta' informazzjoni speċifika permezz ta' ġabra ta' kriterji definiti minn qabel (donaturi, settur DAC, imkien, status tal-proġett, tip ta' finanzjament u MDGs( u toffri ukoll tabelli u mapep ġeografiċi għal analiżi; jinnota li din it-tip ta' bażi ta' dejta hi essenzjali ukoll għall-koordinament u l-armonizzazzjoni imsaħħa fost id-donaturi u l-allinjament mal-gvern tal-pajjiż riċevitur;*** |

Or. en